Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,464, 3 ta' Ġunju, 1997
Taqsima B

A.L. 76 ta' l-1997

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(ATT NRU. I TA' L-1992)

Ordni ta' l-1997 dwar Emendi għal Skemi u Tibdil f'Allinjamenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 28 u 60 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent, fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, u l-Awtorità ta' l-Ippjanar għamlu dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar Emendi għal Skemi u Tibdil f'Allinjamenti.

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li beda fis-sehħ fl-24 ta' Ġunju, 1996.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra —

Att Nru. I ta' l-1992.

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' l-Ippjanar imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att u tinkludi kull korp jew persuna ohra li taġixxi f'isimha bis-saħħa tas-setgħat lilha delegati mill-Awtorità taħt l-Att;

"Gazzetta" tfisser il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta;

"Pjanijiet Sussidjarji" tfisser pjanijiet dwar suġġett, pjanijiet lokali jew pjanijiet ta' azzjoni, kif imfissra fl-artikoli 23, 24, 25 u 26 ta' l-Att;

"Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini" tfisser ir-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, jew emendi li jkunu saru wara;

A.L. 112 ta' l-1996.

"Skemi ta' Provvedimenti Temporanji" tfisser Skemi ta' l-ippjanar magħmula u approvati taht l-Att dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji).

Kap. 322.

(2) Kull espressjoni imfissra fl-Att għandu jkollha f'dan l-Ordni l-istess tifsira bħalma għandha fl-Att.

Bidliet fi Skemi ta' Provvedimenti Temporanji, Pjanijiet Sussidjarji u allinjament tat-toroq.

3. Bidliet fi Skemi ta' Provvedimenti Temporanji jew fi Pjanijiet Sussidjarji, inkluż l-allinjament ta' toroq li, fl-opinjoni ta' l-Awtorità , ma jolqtux il-konfini u t-tqassim f'żoni ta' dawk l-Iskemi jew Pjanijiet u li ma jmorrux kontra is-sustanza tal-pjanijiet u l-*policies* fil-Pjan ta' Struttura, għandhom ikunu soġġetti għall-proċedura msemmija fl-artikli li ġejjin.

Rekwiżiti għal applikazzjonijiet.

4. (1) Applikazzjoni għandha ssir lill-Awtorità fuq formula li tiġi provduta minn żmien għal żmien mill-Awtorità, u trid tkun imsieħba b'dik l-informazzjoni li tista' tiġi rikjesta mill-Awtorità , inkluż:

(a) tlett kopji ta' estratt A4 mis-*survey sheet* ta' l-1998 bi skeda ta' 1:2500 li turi l-iskema, il-konfini tal-post u l-bidla proposta;

(b) tlett ritratti bil-kulur li jkunu juru l-post u l-madwar tiegħu; u

(ċ) prova legali ta' min hu sid l-art li dwarha tkun qed issir l-applikazzjoni, inkluż kuntratt tat-titolu ta' l-art bil-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt.

(2) L-Awtorità għandha teħtieġ ukoll lill-applikant li jipprovdi dan li ġej wara li jissottometti l-applikazzjoni:

(a) tlett kopji ta' *survey* uffiċjali imħejji mill-Awtorità għaspejjeż ta' l-applikant li juru l-allinjament preżenti u iż-żoni skond l-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji jew Pjanijiet Sussidjarji; u

(b) tlett kopji ta' survey uffiċjali li turi l-bidliet proposti.

(3) Fejn l-art li dwarha saret l-applikazzjoni tinkludi art ta' terzi persuni jew jekk il-bidla proposta tista' taffettwa terzi persuni, l-applikazzjoni għandha tkun ukoll akkumpanjata b'lista ta' dawk it-terzi persuni u dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn dawn it-terzi persuni li ma jkollhom ebda oġġezzjoni għall-bidla proposta, b'dan illi meta l-Awtorità tqis li jkun hekk meħtieġ, din tista' titlob li tingħata prova legali li dik l-art tkun tappartjeni lil terzi persuni bħala sidien.

(4) Ma' l-applikazzjoni għandu jitħallas ukoll id-dritt preskritt bir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini.

Pubblikazzjoni.

5. L-Awtorità għandha tippubblika d-dettalji ta' l-applikazzjoni fuq il-post, f'gazzetta lokali waħda u fil-Gazzetta fejn tingħata l-opportunità li terzi persuni interessati jagħmlu sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub lill-Awtorità fi żmien tlett ġimgħat mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż.

Deċiżjonijiet.

6. (1) Biex tiddeċiedi l-applikazzjoni, l-Awtorità għandha tqis l-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji jew il-Pjanijiet Sussidjarji, is-sottomissjonijiet b'risposta għall-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni u kull konsiderazzjoni oħra li jkollha x'taqsam ma' dan.

(2) L-Awtorità jkollha s-saħħa li tagħti jew li tiċħad applikazzjoni, u fl-għoti ta' dik l-applikazzjoni tista' tapprova l-proposta b'modifikazzjonijiet jew minghajrhom kif jidhrilha xieraq, iżda l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet għar-rifjut li tagħti jew għal kull modifikazzjoni li hija timponi.

Effett.

7. L-Awtorità għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-applikant.

Bidliet għal Skemi u allinjamenti mill-Awtorità

8. (1) L-Awtorità tista', fejn tqis li jkun hekk spedjenti li hekk tagħmel fl-interess pubbliku u wara li tqis l-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji jew Pjanijiet Sussidjarji, il-Pjan ta' Struttura u konsiderazzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u skond l-artiklu 3 ta' dan l-Ordni, tagħmel bidliet fl-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji u fil-Pjanijiet Sussidjarji.

(2) L-Awtorità għandha timxi skond il-proċedura stabbilita fl-artikli 5 u 6(1) ta' dan l-Ordni.